QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

Onor. Imhallef Dottor Joseph G. Galea Debono B.A.,LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS 4 T'APRIL, 2002.

APPELL NRU. 311/93.

IL-PULIZIJA.

(Spettur K. Ellul Bonici .)

vs

VICTOR ZAMMIT

Il-Qorti ,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja , fil-15 ta' Novembru, 1991 , talli f'dawn il-Gzejjer, , matul ix-xahar ta' Lulju, 1990 , b' mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda' b' qerq iehor, , inganna, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz , jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji , ghamel qliegh ta' LM9750 (disat elef seba mija u hamsin lira Maltin) ghad-dannu tas-sinjuri Paul u Carmelina Buhagiar mill-Gzira .

Rat li l-imputat appellant wiegeb li ma kienx hati .

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kaz jigi trattat u deciz sommarjament .

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Settembru, 1993 li biha sabet lill-appellant hati tar-reat ta' truffa kontemplat fl-artikolu 308 referibbilment ghall-artikolu 310 (1) (a) tal-Kap.9 tal-ligijiet ta'Malta u ikkunndannatu ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn u ordnat li kopja tax-xhieda tal-konsulent psikjatra Dr. Peter Muscat tigi komunikata lid-Direttur tal-Habs Civili sabiex l-imputat jibqa' jinghata il-kura medika mehtiega .

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant prezentat fl-24 ta' Settembru, 1993 , fejn talab li din il-Qorti tirrevoka is-sentenza appellata billi tilliberah minn kull htija u piena .

Rat l-atti kollha processwali u li il-kawza kienet ilha tinsab differita ghas-sentenza minn din il-Qorti diversament preseduta mit-8 t'Ottubru, 1999 , liema sentenza pero' baqghet ma inghatatx.

Rat li ghalhekk din il-Qorti semghet it-trattazzjoni mill-gdid fis-seduta tat-28 ta' Frar, 2002 , fejn wara li , fuq talba tal-Qorti , xehed l-appellant u spjega kif kien qed ihallas l-ammont in kwistjoni lura lill-konjugi Buhagar billi jiddepozita fil-kont taghhom fl-HSBC Bank Malta Plc ammont ta' LM137 kull xaharejn u anki wera id-deposit slips relattivi lill-istess Qorti u accetta li fadallu jirrestitwilhom cirka erbat elef u hames mitt lira Maltin (LM4500) . Fix-xhieda ta' Paul Buhagiar umbaghad moghtija fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2002 , irrizulta li l-ammont preciz li ghadu dovut hu ta' LM4050.00 c erbat elef u hamsin lira Maltin Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-28 ta' Frar, 2002 li per mezz tieghu , Dr.

Donatella Frendo Dimech ghall-prosekuzzjoni , wara li semghet ix-xhieda tal-appellant , iddikjarat li jekk l-appellant jillimita l-appell tieghu ghall-piena , hi ma tinsistix aktar ghall-piena karcerarja inflitta mill-ewwel Qorti , purche' jigi applikat il-provvediment kontemplat fl-Art. 28 (H) tal-Kap.9

Rat il-verbal tad-difiza li bih iddikjarat li qed tillimita l-appell ghall-piena u taderixxi parzjalment , pero' jissottometti li ghandha tigi ridotta il-piena f' kaz ta' sentenza sospiza , stante li l-ammonti gew in parti sostanzjali imhallsa .

Ikkunsidrat ,

Illi galadarba l-appell odjern gie issa limitat ghall-piena , din il-Qorti trid tara biss jekk l-applikazzjoni tal-Art. 28 (H) tal-Kap. 9 suggerita mill-Prosekuzzjoni u accettata mid-Difiza , hix mizura adegwata ghall-kaz in ezami .

Illi l-ammont originali li kien ottjena b'qerq l-appellant kien wiehed pjuttost gholi ta' distat elef seba mija u hamsin lira Maltin (LM9750) u anki jekk wiehed jinjora il-weghda ta' profitt ta' cirka hamest elef lira (LM5000) ohra li l-konjugi Buhagiar kellhom suppost jircevu minn din l-operazzjoni kimerika proposta mill-appellant , jigi li l-konjugi Buhagiar gew ghal zmien twil privati minn flushom u fuq l-imghax li altrimenti kienu jaqilghu fuqhom kieku impjegawhom f'-investiment iehor .

Illi mill-banda l-ohra, l-appellant taht il-minaccja ta' sentenza ta' habs , jidher li ghamel sforz biex jibda ihallas lura dan l-ammont u fil-fatt ipprova ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti li dan qed isir b'certa regolarita' .

Illi pero ' din il-Qorti trid tassikura b'kull mezz possibbli skond il-ligi li dan l-ammont bilancjali jigi imhallas lill-konjugi Buhagiar u dana entro it-term li jippermetti l-artikolu 28(H) tal-Kap.9 u cioe ' massimu ta' sitt xhur , kif preskritt fis-subinciz (2) tal-istess artikolu .

Ikkunsidrat li ghalkemm dan it-terminu ta' sitt xhur jista' jidher qasir fid-dawl tal-programm ta' ripagament li qed jaghmel l-appellant , wiehed irid iqis ukoll li l-appellant kellu diga hdax il-sena u disa xhur biex jirrestitwixxi l-ammont kollu u dana baqa' ma ghamlux .

Mill-banda l-ohra l-inflizzjoni tal-piena karcerarja f' dan l-istadju tbieghed il-possibilita' tal-hlas lura tal-ammont bilancjali u mhux iggibu il quddiem kif tixtieq li jsir din il-Qorti . Ghalhekk kollox ma kollox il-provvediment suggerit mill-Prosekuzzjoni jimmilita favur ir-restituzzjoni sollertti da parti tal-appellant tal-bilanc minnu dovut .

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti tilqa' l-appell limitatament ghall-piena u tirriforma is-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura Kriminali , billi fil-waqt li tikkonfermha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-akkuza ta' truffa dedotta kontra tieghu , tirrevokha in kwantu ikkundannat lill-appellant ghal piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn , u minnflok, wara li rat l-artikoli 308 , 310 (1) (a) ,28A u 28H tal-Kap.9, tikkundanna lill-appellant ghal-prigunerija ghal zmien sentejn , liema sentenza pero' m'ghandhiex tibda issehh hlief jekk , matul il-periodu ta' erba snin mil-lum , l-appellant jikkommetti xi reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija , u inoltre il-Qorti qed taghti direttiva li biha qed tobbliga lill-appellant li fi zmien sitt xhur mil-lum , ihallas lura lill-konjugi Paul u Carmelina Buhagiar l-ammont kollu bilancjali li fadallu jirrestitwilhom fl-ammont ta LM4050.00c erbat elef u hamsin lira Maltin flimkien mall-imghax tal-5% sad-data tal-hlas , li hu akkwista minnghandhom bi frodi jew bi qliegh iehor kontra l-ligi , u b'dana li jekk jirrizulta lil din il-Qorti li l-appellant jonqos milli jikkomforma ruhu ma din id-direttiva permezz ta' rikors mahluf mill-konjugi Buhagiar jew wiehed jew wahda minnhom , din il-Qorti ikollha tordna li is-sentenza sopspiza tibda' issehh ghat-tenur tal-Art. 28H (4) (5) u (6) u ghall-dan il-fini il-Qorti qed ukoll tispjega lill-appellant bi kliem car ir-responsabilta' tieghu taht dan l-artikolu jekk hu jonqos li jikkonforma ruhu ma din id-direttiva,kif obbligata li taghmel skond l-art 28H (7) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta .

(ft) J. Galea Debono,
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Registratur

4.4.02